31982R2613

4.10.1982 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 281/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2613/82
tal-21 ta' Settembru 1982
dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Kwadru ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi l-Komunità għandha tapprova, biex jinkisbu l-finijiet tagħha fil-qasam tar-relazzjonijiet ekonomiċi esterni, Ftehim Kwadru dwar koperazzjoni mar-Repubblika Federattiva tal-Brażil; billi xi forom ta' koperazzjoni ekonomika li hemm provvediment għalihom fil-Ftehim jeċċedu l-poteri ta' azzjoni speċifikati fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim Kwadru dwar koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil hu hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Skond l-Artikolu IX tal-Ftehim, il-President tal-Kunsill għandu jinnotifika li l-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ġew kompletati min-naħa tal-Komunità Ekonomika Ewropea [2].

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 21 ta' Settembru 1982.

Għall-Kunsill

Il-President

U. ELLEMANN-JENSEN

[1] ĠU C 28, tad-9.2.1981.

[2] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet ta' l-Ewropa* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.